FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 11 TA' LULJU 2017

Il-Pulizija

Spettur Mark A Mercieca

vs

Timothy Licari

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta tal-identita' 430692M akkuzat talli:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Tara Malou Licari hekk skond kif iccertifika Dr. Glenn Garzia, Med Reg 3226 tac-centru tas-Sahha Gzira; Art 225 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna grievi ta' natura gravi fuq il-persun ata' Omar Lund hekk skond kif iccertifika Dr. Luke Zammit, Med Reg 3861 tal-Isptar Mater Dei ; Art 226 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura tal-ghamla Toyota b'numru tar-registrazzjoni FBX 242 fi triq jew post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi; Art 15A(1) tal-Kap 65;

4. saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura tal-ghamla Toyota b'numru tar-registrazzjoni FBX 242 fi triq jew post pubbliku iehor meta ma kienx ikkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritti; Art 15B(1) tal-Kap 65;

5. saq vettura tal-ghamla Toyota b'numru tar-registrazzjoni FBX 242 b'manjiera bla kont, b'manjiera traskurata u perikoluza; Art 15(1)(a)(2) tal-Kap 65;

6. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna hsara f’vettura CBO 482 ghad-detriment ta’ Yvonne Testa u/jew entitajiet ohra; Art 328 (d) tal-Kap 9 ;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta’ din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 225 (1) tal-Kap 9, 226 (1)(a) tal-Kap 9, 15A(1) tal-Kap 65, 15B(1) tal-Kap 65, 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 u l-Artikolu 328 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tiddeciedi: li tikkundannah sitt xhur prigunerija li in forza tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghda tissospendihom ghal sena mill-lum. Tordna sospensjoni tal-licenzja ghal sitt xhur. U bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tordnalu jhallas l-ispejjez peritali.

A.M. Trigona
Magistrat